# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

Data tal-laqgħa: 21 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat Caruana – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 59

60.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 59. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 60.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

60.3.1 <u>Para 60.10.9 - Restawr tan-niċċa fi Triq it-Tliet Knejjes k/m Triq il-Providenza</u>
Is-SE qalet li kitbet lill-avukat tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Meta tikkunsidra li dan ir-restawr qed isir mir-resident bla ħlas, l-avukat tal-parir li l-Kunsill għandu jindirizza din il-kwistjoni b'mod aktar diplomatiku billi noffru xi forma ta' għajnuna biex jitwaħħal is-salib. Ser jiġi ċċekjat ritratt ta' kif kienet in-niċċa qabel, biex naraw nistgħux inwaħħlu s-salib bil-ħaddiema tal-Kunsill.

60.3.2 <u>Para 60.10.10 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq iz-Zekkuk</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*parking bay* tneħħiet fil-31 ta' Jannar 2019 u sal-lum ma daħal l-ebda ilment biex terġa' ssir, għalhekk il-Kunsilliera qablu li l-*parking bay* ma terġax issir.

## 60.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.4.1 <u>Laqgħa Plenarja</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fil-15 u 16 ta' Frar 2019, flimkien mas-SE, attendew għall-Laqgħa Plenarja ġewwa l-Grand Hotel, Għawdex. Waqt il-laqgħa ġie kkomunikat lir-Riforma tal-Kunsilli Lokali kellha titressaq quddiem il-kabinett nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar 2019.

## 60.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

60.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

60.6.1.1 <u>*Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Ħal Balzan using environmentally friendly transportation services* – BLC 06/2018</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Ħal Balzan using environmentally friendly transportation services* – BLC 06/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.6.1.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana qal li qed ikollna diversi lmenti dwar dan il-kuntrattur. Is-SE qalet li ma tistax ma tagħżlux la jkollu l-irħas offerta u jkun konformi fil-partijiet kollha tal-proċess tal-evalwazzjoni. Is-SE qalet ukoll li, peress li skond ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali, qed jiġi propost li dan is-servizz ser jgħaddi taħt ir-responsabbilta' tar-Reġjun, dan il-kuntratt kienet ħarġitu għal tul ta' sena li jista' jiġġedded kull sena sa massimu ta' 4 snin. B'din il-kundizzjoni il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi li ma jġeddidx il-kuntratt, jekk ma jkunx sodisfatt mis-servizz.

60.6.1.3 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha

tingħażel lill-irħas offerta u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

60.6.1.4 Ġie deċiż ukoll, li qabel jiġi ffirmat il-kuntratt, issir laqgħa mal-kuntrattur.

60.6.2.1 Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2018
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2018. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.6.2.2 Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

## 60.7 Kuntratt ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat

60.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-proposti mibgħuta minn Green MT u GreenPak għal kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat. Kopja ta' dawn il-proposti ngħatat lill kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

60.7.2 Il-Kunsilliera raw fid-dettal il-proposti mressqa miż-żewġ kumpaniji fejn ġie rrimarkat liż-żewġ proposti huma simili ħafna. Ġie rrimarkat ukoll li l-Kunsill minn dejjem kellu l-ftehim mal-GreenPak u s-servizz dejjem ingħata tajjeb u mingħajr problemi.

60.7.3 Għalhekk, il-Kunsill qabel li nistaqsu liż-żewġ skemi jekk humiex lesti li joffru s-servizz ta' ġbir ta' skart separt darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Is-SE ser tinfurma lill-Kunsill bir-risposti li nirċievu, biex tittieħed deċiżjoni.

## 60.8 *Bye-Law* dwar kontroll tal-ħamiem

60.8.1 Wara li fil-laqgħa li għaddiet ġie ssuġġerit mis-Sindku li għandha tinħareġ *bye-law* dwar kontroll tal-ħamiem, is-SE iċċekkjat dwar il-proċedura li għandha tiġi adottata biex tinħareġ *bye-law.*

60.8.2 Is-SE qalet li l-Kunsill irid jimxi ma' Artiklu 35 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Kopja tal-Att flimkien mad-*draft* tal-*Bye-Law* kif qed tiġi proposta mis-Sindku, ingħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

60.8.3 Il-Kunsill unanimament approva li għandu jibda l-proċess biex tinħareġ din il-*bye-law.* Is-SE se toħroġ l-avviżi neċessarji fil-gazzetti kif indikat fl-Att. Il-Kunsill qabel li l-avviżi jidru fuq il-Gazzetta tal-Gvern, In-Nazzjon, L-Orizzont u *Times of Malta*, biex id-*draft* tal-*Bye-Law* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 60.9 Pellegrinaġġ bil-vara titulari madwar il-lokalita'

60.9.1 Il-Kumitat organizzattiv ta' din l-attivita' ippreparaw lista ta' toroq li se jkunu magħluqa dakinhar, li tinkludi fiha t-toroq li mhux ser jitħallew vetturi jipparkjaw, fejn qed jgħidu li hemm bżonn 4 pulizija ma' din l-attivita'. Din il-lista intbagħtet lill-pulizija ta' Birkirkara għall-attenzjoni tagħhom.

60.9.2 Il-Pulizija bagħtu l-lista bil-proposta tagħhom, fejn qed jgħidu li hemm bżonn ta' 4 uffiċjali tal-pulizija li joqgħodu mal-purċissjoni u 10 uffiċjali ta' TM jew uffiċjali tal-komunita' minn sagħtejn qabel tibda l-purċissjoni sabiex ineħħu l-vetturi li jibqgħu ipparkjati. Is-Sindku qal li l-Maġġur kellmu wkoll dwar dan.

**F'dan il-ħin (4.45pm) il-Viċi Sindku Andre' Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

60.9.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha terġa' issir laqgħa mal-Maġġur u l-Kumitat organizzattiv.

## 60.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

60.10.1.1 Toroq li se jsiru minn *Infrastructure Malta*
Din il-ġimgħa tħabbret it-tieni lista ta' toroq residenzjali li se jsiru minn *Infrastructure Malta,* fosthom hemm Triq San Valentinu, Triq Sisner u Triq Ġuże' Bonnici. Il-Kunsill ma kienx ikkonsultat fuq l-għażla tat-toroq. Il-Kunsill qabel li dawn it-tliet toroq huma fost l-aħjar toroq li hawn f'Ħal Balzan u żgur li m'hemmx bżonn li jinqalgħu biex isiru mill-ġdid.

60.10.1.2 Is-SE fakkret lill-Kunsill li Triq Ġuże' Bonnici kienet saret mill-Kunsill bejn l-2014/2015 bi spiża kapitali ta' kważi €85,000.

60.10.1.3 Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u r-resident li qed jilmenta fuq l-istat ta' Triq Idmejda. Il-Perit, wara li ra s-*surveys* topografiċi ta' din it-triq, ikkonferma li hemm problema kbira fil-livelli. Waqt din il-laqgħa ġie konkluż li ssir laqgħa ma' *Infrastructure Malta*, bil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill, biex ninfurmawhom dwar din il-problema.

60.10.1.4 Il-Kunsill unanimament qabel li niktbu lill-*Infrastructure Malta* u lill-Ministru Dr Ian Borg, biex ninfurmawhom bil-problemi li fiha Triq Idmejda. Ninfurmawhom ukoll li l-WSC diġa' ħarġu sejħa għall-offerti biex jinbidel il-*main* tal-ilma u s-servizzi li jagħtu għar-residenzi (sa Triq Kardinal Cardijn) u għalhekk din it-triq għandha tinqala' u ssir fl-istess ħin biex ix-xogħol jiġi unit. Is-Sindku qal li l-Perit Robert Zerafa (TM), wara *surveys* li għamlu TM stess, ukoll ikkonferma li din it-triq iżżomm ħafna ilma u trid issir sistema ta' *culverts*. Għalhekk, din it-triq hija prijorita' u għandha ssir minflok Triq Ġuże' Bonniċi.

60.10.1.5 Il-Kunsill qabel ukoll li ninfurmawhom ukoll li minflok Triq San Valentin u Triq Sisner, għandhom isiru Triq Sir Antonio Micallef u Triq Qarċilla.

60.10.2.1 <u>CCTV f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li wara li tneħħiet il-Bring-in-Site ta' Wied Ħal Balzan, is-CCTV camera ma tneħħietx. Il-Kunsill unanimament approva li tinbeda l-proċedura biex jitneħħew is-servizz tal-elettriku u tal-*internet* biex din tintneħħa.

60.10.2.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana issuġġerixxa li tiġi nstallata *live webcam* fil-pjazza biex nippromwovu aktar il-*Heritge Trail*. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju, u l-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ser jiċċekkja jekk nistgħux nużaw l-istess *camera.* Din il-kwistjoni ser terġa' tiġi diskussa aktar il'quddiem.

60.10.3.1 <u>*One-Way System* fi Triq Annibale Preca u Triq il-Kunċizzjoni, Ħal Lija</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Kunsill Lokali Ħal Lija, fejn qed jinfurmaw li Triq Annibale Preca u Triq il-Kunċizzjoni ser isiru *one-way* bi prova. Il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed jitlob biex issir laqgħa bejn it-tliet Kunsilli, bil-preżenza ta' TM biex tiġi diskussa din is-sistema qabel ma tiġi implimentata.

60.10.3.2 Il-Kunsill qabel li joġġezzjona għal din il-*one-way system*, għar-raġuni li kif qed jiġi propost, it-traffiku kollu li jkun ġej min-naħat ta' Ħ'Attard, Ta' Qali, Mosta ser jintefa' kollu fiċ-ċentru tar-raħal ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill se jitlob li ssir laqgħa mal-Kunsilli kkonċernati, fil-preżenza ta' uffiċjali minn Transport Malta biex tiġi diskussa din il-*one-way syste*m qabel ma tiġi implimentata.

60.10.4.1 <u>Kumitati tal-Evalwazzjoni tat-*Tenders*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibdu l-attenzjoni li skond Artiklu Nru. 15.1 tal-*Procurement Guidelines,* Kunsilliera ma jisgħux jinħatru bħala evalwaturi fil-Kunsill li jkunu qed iservu. Jistgħu ikunu biss osservaturi mingħajr dritt li jivvutaw.

60.10.4.2 F'dan ir-rigward, il-Kumitat tal-Evalwazzjoni tat-*Tender* għas-servizz ta' Accountant u *Accounting* Technician – BLC 07/2018 irid jinbidel u se jkun magħmul minn dawn il-membri:

Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana
Evalwatur 1: L-avukat tal-Kunsill
Evalwatur 2 u 3: is-SE ser tiċċekkja jekk eks-Kunsilliera jistgħux jagħmlu parti mill-Bord u tibgħat l-informazzjoni lill-Kunsilliera permezz ta` *email* għall-approvazzjoni.

60.10.5.1 <u>Talba biex jitneħħew xi *parking bays* minn Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal</u>
F'Laqgħa Nru. 41 tat-23 ta' Ottubru 2017, ġiet diskussa talba tal-Perit Anthony Fenech Vella f`isem l-applikant, għall-approvazzjoni tal-Kunsill għal żvilupp fi Triq il-Kannizzata, fejn kien ġie propost li jinbena garaxx (PA/7258/17). Il-Kunsill ma kienx sab oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp u l-Perit Anthony Fenech Vella kellu jindika l-modifiki meħtieġa fil-*parking bays* ta` quddiem l-iżvilupp propost sabiex dan l-uffiċċju japplika ma` Transport Malta għat-tneħħija tal-*parking bays* indikati.

60.10.5.2 Il-Perit qed jerġa' jikteb għan-nom tas-sid, fejn qed jgħid li biex dan il-garaxx jiġi itilizzat b'mod sigur (anke bil-

possibbilta' ta' trejler żgħir, huwa neċessarju li titneħħa ir-ringiela kollha ta' quddiem il-garaxx (5 *parking bays*).

60.10.5.3 Is-SE infurmat li, bħala uffiċċju diġa' konna ġibna permess minn TM biex jitneħħew l-ewwel 3 *parking bays*. Għalhekk, il-Kunsill m'approvax it-talba li jitneħħew 5 *parking bays*, għax bi tneħħija ta' 3 *parking bays* ser ikun hemm l-aċċess adekwat.

60.10.6.1 ***<u>Local Integration Charter</u>***
Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Direttorat għad-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni, fejn qed jitolbu li ssir laqgħa mal-Kunsill biex tiġi diskussa l-Karta tal-Integrazzjoni fuq Livell Lokali.

60.10.6.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ser jiltaqa' mad-Direttorat.

60.10.7.1 <u>Talba biex jitneħħa l-*parking* minn quddiem garaxx fi Triq San Franġisk k/m Triq l-Imdina</u>
Residenta qed titlob li jitneħħa l-*parking* li hemm quddiem il-garaxx tal-proprjeta' ġdida tagħha fi Triq San Franġisk k/m Triq l-Imdina. Is-SE infurmat lill-Kunsill li flimkien mal-*handyman*, iltaqgħu mar-residenta fuq il-post, fejn issuġġerew li jitneħħew żewġ spazji għall-parkeġġ mit-tlieta li hemm quddiem il-proprjeta' u minflok isiru metru *dyl* fuq kull naħa tal-garaxx, jitħalla l-ispazju ta' parkeġġ fil-kantuniera u fl-ispazju li jibqa' bejn l-entratura għar-residenza u l-garaxx ta' mal-ġenb, isir *motorcycle bay.*

60.10.7.2 Ir-residenta qed titlob li l-*parking* tal-kantuniera għandu jitneħħa wkoll għax qed tgħid li l-karozzi qed jikkawżaw *blind spot*. Ġie nnutat li fejn qed tgħid ir-residenta hemm fetħa kbira , u għalhekk hemm viżibilta' tajba tal-karozzi li jkunu ġejjin.

60.10.7.3 Il-Kunsill qabel li napplikaw għal permess ma' TM kif issuġġerew is-SE u l-*handyman.* Fil-kantuniera ma' Triq l-Imdina ma jsiru l-eba marki u min irid jipparkja. Biex isir il-metru dyl, ir-residenta trid tneħħi parti mir-rampa. Il-liġi ma tippermettix li tagħmel rampa fit-triq.

60.10.8.1 <u>Nuqqas ta' aċċessibilità għall-użu tas-siġġu tar-roti</u>
Ġiet innutata *email* minn residenta dwar in-nuqqas ta' aċċessibilità għall-użu tas-siġġu tar-roti fil-bankini tar-raħal (annessa - Dok 1).

60.10.8.2 Il-Kunsill qal li sfortunatament il-maġġoranza tat-toroq huma dojoq, u ma jippermettux li jkollhom bankina wiesgħa. Din l-*email* terġa' tiġi diskussa aktar 'il quddiem fil-Leġislatura li jmiss.

60.10.9.1 <u>Karozzi jostakolaw l-aċċess ta' residenza</u>
Resident qed jilmenta li qed ikollhom l-aċċess għar-residenza kontinwament ostakolat, peress li karozzi qed jipparkjaw quddiem il-bieb fi Triq il-Kbira k/m Triq Valent Muscat. Ir-resident ressaq xi suġġerimenti sabiex l-aċċess ma jibqax jiġi ostakolat.

60.10.9.2 Il-Kunsill ikkunsidra s-suġġerimenti tal-Kunsill u unanimament qablu li l-aħjar ħaġa hi li ssir *bollard* u *motorcycle bay* mal-ġenb tal-bieb tar-residenza. Se napplikaw għal permess ma' TM.

60.10.10.1 <u>Talba għal kumpens għal ħsara li ġarrab fuq il-vettura</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill b'*email* li waslet mingħand avukat f'isem*,* b'referenza għall-ħsara li ġarrab resident fil-vettura tiegħu, meta kien għaddej minn Wied Ħal Balzan, fis-7 ta' Settembru 2018. Ir-resident oriġinarjament kien għamel talba mal-Kunsill, u peress li kienu diġa' bdew ix-xogħlijiet fit-triq minn *Infrastructure Malta,* konna infurmajnieh li jrid jgħaddi l-ilment direttament lilhom.

60.10.10.2 *Infrastructure Malta* qed tikkontesta l-allegazzjonijiet ta' responsabbiltà fir-rigward ta' dan l-inċident lit-triq taqa' taħt ir- responsabbiltà tal-Kunsill u peress li l-*pothole* fejn ġarrab il-ħsara mhijiex konsegwenza tax-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu minnhom.

60.10.10.3 Is-SE talbet lill-avukat tal-Kunsill biex tirrispondi għal din l-*email* f'isem il-Kunsill, pero' ma setax taċċetta peress li Infrastructure Malta huma klijenti tagħha wkoll.

60.10.10.4 Il-Kunsill baqa' jsostni lir- responsabbiltà hija ta' *Infrastructure Malta* għax ix-xogħlijiet fit-triq kienu diġa' bdew. Għalhekk, ser insibu avukat sabiex jirrispondi din l-*email* f'isem il-Kunsill.

60.10.11.1 <u>Soluzzjonijiet għal aktar parkeġġ</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn kumpanija fejn qed jinfurmaw b'soluzzjonijiet biex jiżdid il-parkeġġ bil-għan li tissolva l-problema ta' *parking*.

60.10.11.2 Il-Kunsill qal li bħala idea hija nteressanti pero' irid ikun hemm spazju adekwat li f'Ħal Balzan huwa skars. Din is-soluzzjoni tista' tiġi kkunsidrata fil-futur mill-Kunsill li jmiss.

60.10.12.1 <u>Talba biex isiru *sleeping policemen* u mera fi Triq Birbal</u>

Resident qed jitlob biex fi Triq Birbal (il-parti ta' bejn Vjal De Paule u Vjal Sir M A Refalo, isiru *sleeping policemen,* peress li karozzi qed jgħaddu b'veloċita' qawwija.

60.10.12.2 Peress li Triq Birbal hija arterja prinċipali, ser jiġi ċċekjat ma' TM jekk japprovawx *sleeping policemen* f'toroq arterjali.

60.10.12.3 L-istess resident qed jitlob biex issir mera faċċata tal-garaxxijiet li hemm viċin Villa Madama, fi Triq Birbal sabiex ikunu jistgħu jaraw l-karozzi li jkunu ġejjin. Il-Kunsill qabel li din il-mera għandha ssir għas-spejjeż tas-sidien tal-garaxxijiet u jekk dawn jaqblu il-Kunsill japplika għal permess ma' TM.

60.10.13.1 <u>Talbiet għal *speed cameras*</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-LESA fejn qed jistaqsu jekk il-Kunsill għandux xi talbiet biex jiġu nstallati *speed cameras* fil-lokalita'.

60.10.13.2 Il-Kunsill qabel li ninfurmawhom li l-Kunsill jixtieq li jiġu nstallati *speed cameras* fi Triq Birbal, Triq il-Ferrovija l-Qadima u Wied Ħal Balzan.

60.10.14 <u>Kwotazzjoni biex tinbidel bozza</u>

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni li tammonta għal €678.50 biex tinbidel bozza (*central hanging*) li tinsab fi Triq il-Kbira għax mhix tixgħel u l-kuntrattur infurmana li ma tissewwiex. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

60.10.15.1 <u>Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq San Valentin</u>

Resident qed jitlob biex issir *sleeping policeman* fi Triq San Valentin (kif iddur minn Triq Idmejda) għax karozzi qed jgħaddi b'veloċita' qawwija.

60.10.15.2 Il-Kunsill qal li jekk ir-residenti tal-madwar jaċċettaw li ssir quddiemhom, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir, wara li napplikaw għal permess ma' TM.

60.10.16 <u>*SUMP questionnaire*</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta mir-Reġjun Ċentru, fejn qed niġu nfurmati biex jimtela' s-*SUMP questionnaire.* Dan il-*questionnaire* ser jimtela' mill-Viċi Sindku peress li huwa responsabbli mit-*Traffic Management.*

60.10.17.1 <u>*Charging Pillars* fil-lokalita'</u>

TM avviċinaw lill-Kunsilli biex ninfurmawhom jekk il-Kunsill irid li jiġu nstallati aktar *charging pillars* fil-lokalita'.

60.10.17.2 Il-Kunsill irrimarka li l-unika post fejn tista' tiġi nstallata *charging pillar* hija f'Wesgħa Profs. Aquilina, fejn diġa' hemm il-*parking* riservat tal-GoTo.

60.10.18.1 <u>Talba biex jirranġaw il-bankina</u>

L-Iskola Primarja ta' San Alwiġi qed jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jirranġaw il-bankina ta' quddiem l-iskola biex jagħmluha aċċessibbli għall-użu bil-*wheelchair.* Qed jitolbu l-permess ukoll biex jagħmlu *gully* fuq il-bankina (li se jkun imqabbad ma' żewġ *gullies* fil-bitħa tagħhom) biex ma jibqax jidħlilhom ilma ġewwa minn fuq il-bankina.

60.10.18.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

60.10.19.1 <u>Ħarġa għall-Anzjani</u>

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' infurma lill-Kunsill li fuq talba tal-anzjani stess, il-ħarġa li jmiss se jmorru l-Busy Bee tal-Imrieħel. Infurma wkoll li din il-ħarġa ser tiġi aktar għolja għax l-ikel biss ser iqum €8 kull persuna.

60.10.19.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab l-approazzjoni tal-Kunsill li, peress li din is-sena diġa' nqabżet ħarġa, il-prezz tal-biljetti għal din il-ħarġa jkun €5 kull persuna. B'hekk l-anzjani ma jarawhix għolja. Il-Kunsill approva.

## 60.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

60.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 2/19 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' €22,373.06c, li tinkludi l-ammont ta' €124.05c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2019. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

60.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 60.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

60.12.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.55pm.

60.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Dok 1

**From:** [Dettalji Mneħħija]
**Sent:** 30 January 2019 15:50
**To:** Balzan Local Council at Local Councils
**Subject:** L-aċċessibilità fir-raħal ta' Ħal Balzan
**Importance:** High

Għażiż Sur Sindku u l-membri tal-Kunsill Lokali,

Nixtieq naqsam magħkom il-realtà ta' nuqqas ta' aċċessibilità għall-użu tas-siġġu tar-roti fir-raħal tagħna ta' Ħal Balzan.

Dan in-nuqqas ninnutawh fil-bankini tar-raħal. Tant li fejn hemm bankini dojoq zgur li wieħed irid juża t-triq, bil-periklu kemm għal min juża s-siġġu tar-roti u kemm minn qed isuqu minħabba li jkunu għaddejjin il-karozzi privati u karozzi tal-linja.

Anke jekk wieħed irid b'xi mod itella' s-siġġu tar-roti fuq bankina jista' jsib li jkollu jinżel minħabba li l-bankina tidjieq bħal per eżempju fi Triq Idmejda. Qed nirreferi għall-bidu tal-bankina li hemm f'din it-triq, quddiem il-bank HSBC. Hawnhekk il-bankina tiddieq għax kienet saret rampa. Jekk wieħed jgħaddi b'siġġu tar-roti ssib li dak li jkun jgħeleb u jsir inċident gravi. U f'din it-triq huwa aktar periklu li tgħaddi peress li jkun hemm sewwieqa li jiefqu mal-bankina, għar-raġunijiet personali tagħhom, u dak li jrid jgħaddi, irid joħroġ 'l barra aktar fit-triq bil-periklu li jkunu ġejjin il-vetturi.

Fit-Triq Ġużè Bonnici (ħdejn il-bandli) zgur li ma tistax tgħaddi b'siġġu tar-roti peress li f'nofs il-bankina hemm is-siġar u allura wieħed irid jimxi fit-triq.

Fi Triq Papa Alessandru VII, fejn hemm id-dar residenzjali għall-anzjani, Casa Antonia, ma hemmx aċċessibilità għall-użu tas-siġġu tar-roti. Ma ngħidx kemm il-darba jkun hemm persuni li joħorġu lil qrabathom u jkollkom jużaw it-triq, li kulħadd jaf li hija two-way b'ħafna sogru għall-individwi.

Dan kollu jgħodd ukoll għal dawk il-persuni li jimxu bl-għajnuna tal-walking frame - xorta jispiċċaw jużaw it-triq/toroq.

Niġbed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar żewġ rampi li jistgħu jgħinu fl-aċċessibilità imma li jkunu qed jiġu ostikulati minn vetturi u b'hekk din l-aċċessibilità tisfuma fix-xejn. Qed nirreferi għar-rampa li hemm fil-bankina eżatt faċċata tal-Kunsill Lokali (in-naħa tal-bandli). L-oħra hija eżatt quddiem il-ħanut tal-iskarpan, Skarpoli. L-istess, din ir-rampa ma tkunx tista' tiġi aċċessata għax jipparkjaw il-vetturi fuq il-bankina fejn hemm ir-rampa.

Jien kont nissuġġerixxi li f'dawn l-eżempji li għadni kemm tajt issir indikazzjoni ta' No Parking kemm bħala tabella u kemm ta' żewġ sinjali sofor u anke avviż ta' multa biex kemm il-darba dawk li jiġu biex jużaw ir-rampi u ma jkunux jistgħu, ikollhom iċ-ċans li jieħdu ritratt tal-vettura li qed tostakola r-rampa u tgħaddih lill-Kunsill Lokali.

L-aċċessibilità għall-bankini tista' ssir billi jitbaxxew il-bankini fil-kantunieri tagħhom kif hemm f'irħula u bliet oħra madwar Malta.

Napprezza li din is-sitwazzjoni ta' aċċessibilità tkun indirizzata b'ħafna serjetà għall-ġid ta' kulħadd anke għal dawk li jkollhom bżonn jużaw l-prams u l-pushchairs għat-tfal tagħhom.

Awguri fil-ħidma tagħkom.

[Dettalji Mneħħija]